**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 80

**08 ta' Marzu, 2019**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 80.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

**80.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier L Cachia Castelletti li ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata.**

### 80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**80.2.1 <u>Trid ssir korrezzjoni tal-minuti kif ġejjien:</u>**

**<u>Laqgħa 78</u>**

**78.4.3 – Sindku qal li tieni sentenza għanda tiġi tgħid 'Is-Sindku qal li l-Blokki mgħażula mill-Awtorita' tad-Djar ġo Ta' Xbiex huma – D1, D4, A1, C5, A5 u E2.'**

**<u>Laqgħa 79</u>**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

### 80.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti

**80.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier E Muscat issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

### 80.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**80.4.1 Sindku qal li l-bieraħ huwa, Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Perit iltaqgħu mal-kuntrattur Catbros Ltd. fejn tkellmu dwar il-ksur tal-kuntratt fejn dan il-kuntrattur qed idum fix-xogħol, u filfatt, ix-xogħol skond il-kuntratt suppost diġa lest. Il-kuntrattur stqarr, bħala konklużjoni ta' din il-laqgħa, illi għandu ilesti x-xogħol kollu skond il-kuntratt sa tmiem t'April 2019.**

**Is-Sindku informa li wara l-laqgħa tal-bieraħ, il-kuntrattur Catbros Ltd. infurmah li ser ikompli nhar it-Tlieta li ġej.**

## 80.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet Tal-Kunsilliera

**80.5. Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.**

## 80.6 Rocca Santo Stefano

**80.6.1 Is-Sindku qara il-lista ta' persuni li applikaw biex jitilgħu Rocca Santo Stefano. Infurmana li hemm 27 ikkonfermati, peress li dawn li aplikaw qatt ma telgħu. Is-Sindku infurmana li nistgħu ntellgħu iktar nies u għaldaqstant ser issir polza fil-viċin għal dawk li jixtiequ jerġu jitilgħu.**

## 80.7 Seabin

**80.7.1 Is-Sindku wera' filmat ta' kif taħdem is-sistema ta' *seabin*, li huwa prodott li jintuża sabiex jitnaddaf il-ħmieġ min wiċċ il-baħar. Is-Sindku spjega kif talab l-istaff jiġbru kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *seabin*. Is-Sindku qal li dan jista jiġi finanzjat mill-fondi tar-Reġjun.**

**G Muscat ma qabilx li jinxtara. Is-Sindku qal illi huwa jemmen f'din it-teknoloġija biex jitnaddaf il-baħar. Il-Kunsill qabel li jinxtara seabin, u ser jara ukoll min jista iħaddmu fost il-ħaddiema tal-Kunsill.**

## 80.8 Vakanza Segretarju Ezekuttiv;

**80.8.1 Il-Kunsill Lokali iddeċieda li l-*interviewing board* ikun mgħamul min:**
**Chairman: Ronnie Portelli**
**Membri: Eugenio Muscat u Frank Roe**

**Il-Kunsill iddiskuta il-kriterji li fuqhom għandhom jiġu ibbażati l-mistoqsijiet u marki waqt l-intervisti. Dawn huma:**

- **Esperjenza f'posizzjoni simili (25%)**
- **Esperjenza f'Immaniġjar tal-Finanzi (25%)**
- ***Public Procurement* (25%)**
- **Immaniġjar ta' Staff u Proġetti (25%)**

## 80.9 Ġeneva;

**80.9.1 Is-Sindku infurmana li UNECE ser jorganiżżaw konferenza għas-Sindki f'April.**

**Il-Kunsill qabel li s-Sindku jattendi.**

## 80.10 Canopies fuq il-bankijiet tal-Yacht Marina;

**80.10.1 Sindku qal li sab *supplier* li lest jgħamel *canopies* fuq il-bankijiet li hemm fil-*Yacht Marina* għall-prezz ta' Eur350 l-wieħed.**

**Il-Kunsill qabel li jsiru il-bankijiet ta' taħt is-siġar.**

## 80.11 Tower Crane

**80.11.1 Il-Kunsill iddiskuta applikazzjoni għat-tqegħid ta' *tower crane* fi Triq ix-Xatt.**

**Il-Kunsill qabel li jitqiegħed kif approvat fid-DNO.**

## 80.12 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**80.12.1 Frank qal li hemm bżonn *dog bin* viċin il-Whitehall Mansions u rraporta li t- taraġ id-dejjaq bla dawl.**

## 80.13 Rapporti mill-Kunsilliera;

**80.13.1 Gino qal li ġew tal-GO l-Uffiċju u qalulna li l-*PABX* trid ssir ġdida.**

**Il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni.**

**80.13.2 Gino qal li rridu nkellmu lill-kuntrattur biex ddur is-siġar tal-larinġ/lumi.**

**80.13.3 Frank ressaq sabiex il-CM jibda jibgħat rapport għall-laqgħa tal-Kunsill b'*update* ta' kull xahar.**

**80.13.4 Is-Sindku ressaq biex isir puġġaman fin-nofs għat-taraġ il-wiesgħa.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 80.14 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 4 ta' April, 2019 fl-4.30 ta' filgħaxija.

**80.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-disgħa ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum 4 ta' April, 2019.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA_________** | **IFFIRMATA________** |
| **Max Zammit** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |